# Is-snajja' fis-Siġġiewi tal-imgħoddi

Nicholas Vassallo D. Litt.

Issib kultant min iqis xi snajja' Maltin bħala xogħol li baqa' lura jew ta' livell soċjali mhux għoli minħabba li m'hemmx għalfejn wieħed ikun ta'skola kbira għal xogħol bħal dan. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li biex jitgħallem u jħaddem sengħa dak li jkun jeħtieġlu qabelxejn jitkisser sew f'dak ix-xogħol u, fuq kollox, jagħraf iħaddem rasu daqskemm iħaddem idejh jekk mhux aktar. Kull min jidħol għal xi sengħa, għalhekk, jeħtieg ħila kbira u rieda qawwijja jekk irid jirnexxi. Mill-banda l-oħra mingħajr is-snajja' is-soċjetà, speċjalment fl-imgħoddi, ma setgħetx tgħaddi u qajla setgħet tiżviluppa. Ċerti snajja' matul is-sekli donnhom leħqu l-punt ta' perfezzjoni sakemm imbagħad l-iżvilupp tekniku u l-industrija bdew jeħdulhom posthom hekk li llum tista'tgħid inqatgħu u ntesew għalkollox.

Fost dawn is-snajja' nsibu l-bajjada, in-nissieġa, tal-qfief jew tal-qasab u n-nagħal. Forsi dak li jkun jistaqsi: "Imma daż-żmien mhux xorta baqa' bajjada?" Hekk hu, bajjada baqa' imma xogħolhom inqaleb ta' taħt fuq għax il-materja prima tinxtara mħallta u lesta. Saru żebbiegħa flok bajjada għax ħadd m'għadu jbajjad bil-ġir u t-trab tal-kulur. Huwa minnu li l-mezzi tal-lum huma aktar konvenjenti u jgħatu dehra isbaħ lill-bini imma għal djar qodma hu ferm aħjar u aktar xieraq it-tikħil u t-tibjid bil-ġir milli s-siment u ż-żebgħa. Lanqas mhu sewwa li l-ġebla titħalla mikxufa, l-aktar għal barra, għax il-ġebla malajr tibda tfarfar u titmermer. Minn dejjem nismagħhom jgħidu li bit-tikħil u t-tibjid tal-ġir, il-ġebla '*tinsatar u tieħu n-nifs*'. Dan il-bajjada tal-imgħoddi kienu jafuh sewwa! In-nies tas-sengħa minn dejjem wirtu mingħand ta' qabilhom għerf li ma jinkisibx b'xi kors tal-iskola.

## Il-Bajjada

Fis-Siġġiewi fl-imgħoddi ma setgħux jonqsu nies tas-sengħa bħal dawn. Minn riferenzi li nsibu f'dokumenti antiki, nistgħu nieħdu ħjiel kif kienet imsawra s-soċjetà tar-raħal tagħna. F'kuntratt tan-nutar Franġisk Caruana jissemma ċertu Ġużeppi Scicluna li fl-1869 tħallas ta' xogħol ta' tibjid li għamel fi Triq San Ġwann. F'atti oħrajn tal-istess nutar naqraw li, madwar tliet snin qabel, Dun Salv Mamo prokuratur tat-tkabbir tal-knisja ħallas lil Scicluna mitejn u ħamsin skud għat-tikħil u t-tibjid tal-portiku u n-navi tal-ġnub li kienu għadhom kemm tlestew fl-1862. Caruana jsemmi wkoll lil Nardu Bonnici, bajjad ieħor li kien jaħdem fl-istess snin.

Aktar qrib lejna nsibu bajjad li fi żmienu għamel isem hekk li għadu magħruf sal-lum: Karmnu Borg imlaqqam Is-Sambunazz. Twieled għall-bidu tas-seklu XX u sa meta kiber fiż-żmien għal nofs is-snin Tmenin baqa' dejjem jara x'jivvinta għax kien bniedem ħawtiel, imħarreġ sewwa f'dan ix-xogħol. F'kuntratt tal-1945 in-nutar Nikola Said isejjaħlu "*mgħallem bajjad*" u kien mgħallem tassew għax sa minn ċkunitu trawwem fis-sengħa ta'

bajjad ma' missieru u qrabatu. Madankollu Karmnu kien kapaċi jmidd idejh għalkollox: tqegħid ta' katusi u madum, kisi ta' soqfa u ta' għetiebi, qiegħan tal-bjut u bosta xogħol ieħor. Kien bniedem tal-ħsieb, ix-xogħol qabelxejn ifasslu f'moħħu biex ma jmorlux żmerċ. Xi drabi kien jivvinta għodda li tgħinu jħaffef ix-xogħol u jirfinah aħjar: l-ewwel ipinġiha mbagħad iqabbad il-ħaddied jaħdimhielu. Kif kienet drawwa sa nofs il-Ħamsinijiet, xi kmamar ta' importanza bħal intrata jew kamra tas-sodda Karmnu, daqs filata 'l isfel mis-saqaf, kellu ħabta jżejjinhom bi friż jew faxxa ta' lwien differenti bħal dak li ħallielna fis-sagristija tal-kappella ta' Ħal Xluq; b'hekk il-kamra tieħu xejra aktar sinjorili.

Għal dan ix-xogħol is-Sambunazz kien ifassal mudelli minn pjanċi tal-istann, kemxejn ħoxnin u ma jsaddux, ta' qisien differenti, għad-dekorazzjoni tal-friż. Bihom Karmnu kien ipinġi fuq il-ħajt id-disinn li jixtieq; ix-xogħol b'hekk kien jieħu dehra ta' affresk. Fuq l-għetiebi u xi turġien miksijin bis-siment ikkulurit kien jonqox disinni ta' kull għamla: gwarniċi, faxex, fjuri, weraq u kultant xi salib ta' Malta wkoll. Wara l-gwerra minħabba t-theżżiż tal-bombi bosta Siġġiwin kienu jqabbduh għal tiswijiet tal-bjut. Peress li xi wħud kienu jippreferu d-deffun, Karmnu kien iħaddem lavranti jgħinuh biex ix-xogħol isir kif xieraq; b'hekk is-saqaf jiġi ħaġa waħda u ma jaqsamx. Li kieku kellu jgħati l-lala x-xogħol ma kien jaqta' qatt anki minħabba li wara l-gwerra ma' Malta kollha kien għaddej bosta xogħol ta' rikostruzzjoni. Filgħaxijiet lil Karmnu kont issibu l-aktar fil-ħanut tiegħu tax-xorb, f'parti mid-dar tiegħu fil-Pjazza minflok il-BANIF Bank. Milli qalli n-neputi tiegħu Charles, għall-jiem tal-festa n-nannu Karmnu kien jintefa' aktar fil-ħanut fejn il-bejgħ tax-xorb ma kien jaqta' xejn.

Madankollu xorta waħda ta' kull sena f'dawk il-ġranet kien isib il-ħin biex jgħati dehra mill-isbaħ lill-istatwa ta' San Nikola tal-Pjazza billi jbajjadha u jżejjinha mill-aqwa kif jista'. Erba' passi bogħod mill-kappella ta' Ħal Xluq Karmnu kellu wkoll ġardinetta fejn kien iqatta' l-ftit ħin liberu tiegħu. Imma s-sengħa kienet f'demmu: hemm ukoll hu sawwar niċċa ħelwa, b'bordura tal-mużajk, fil-kantuniera tat-turretta. Mal-faċċata fetaħ gallarija ċkejkna b'bieb għat-tond u ieħor taħta bi tliet tarġiet quddiemu imżejnin b'ħafna disinni minquxin fil-wiċċ kif għadhom jidhru sal-lum.



*Karmnu Borg*

### Karmnu Borg

Meta mbagħad bdiet tilħaq il-familja, rawwem ukoll l-erba' wliedu fis-sengħa tiegħu filwaqt li biswit il-ħanut tax-xorb fetaħ ukoll ieħor mnejn kien ibigħ ġir, siment u ħtiġijiet oħra għal dax-xogħol. Madankollu minnhom kollha kien biss ibnu Nikol li qabad il-linja tiegħu u għaddieha lil uliedu Speditu u Gregory (imsejjah Gori) li, bħal nannuhom, kienu ferm imfittxija għax-xogħol tagħhom. Imma d-dinja ddur! Iż-żminijiet inbidlu u ġabu magħhom drawwiet u modi ġodda. Iż-żebgħa taż-żejt u aktar tard tal-plastik ħadu post it-tibjid. Daħal ukoll il-mużajk: taħlita ta' frak u trab tal-irħam, siment abjad u lwien differenti għall-kisi tal-faċċati tad-djar. Għadek tara minnhom sal-lum, xhieda tas-Sittinijiet li, jidhirli jien, ta' min isalva xi tnejn minnhom għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Speditu u ħuh Gori għaddew għomorhom u żmienhom jaħdmu flimkien. Kienu tassew jinqalgħu għall-mużajk; tarah illum, tinduna li xogħol tagħhom. In-nies kienu jħobbuhom u xejn ma kienu jiddejqu jonfqu dik ix-xi ħaġa aktar għal xogħol magħmul bir-reqqa u rfinut. Sid il-Palazz ta' San Lawrenz kien jaħlef

bihom u sikwit kien jafdalhom xi xogħol hemm fuq, qrib tal-Għolja. Ta' kull sena sa meta ġew nieqsa (Gori miet fl-2002 u Speditu ftit snin warajh) l-arċipriet kien iqabbadhom jeħdulu ħsieb xi ħtiġijiet fil-parroċċa, l-istawa u l-kappella ta' Ħal Xluq u tal-Providenza. Bosta drabi l-anqas ħlas ma kienu jaċċettaw!



*Għatba u biċċa għodda maħdumin mis-Sambunazz*

Bajjad ieħor li wkoll għamel karriera fir-raħal tagħna kien Filippu Zammit. Pinu, kif kien magħruf mas-Siġġiwin, twieled fl-1909 u sa minn tfulitu kellu jmidd idejh biex mqar jaqla' x'jiekol. Ftit wara l-Ewwel Gwerra, f'Malta kien waqa' l-ġuħ u kulħadd kien jara kif ser idabbarha! Beda jaħdem ma' Ninu Delia u ħutu, bajjada mgħallmin imlaqqmin Tal-Gass, li kienu joqogħdu fit-Triq il-Ġdida quddiem Marija tal-forn. Pinu dam snin twal jaħdem magħhom għax ħassu li kien stmat u x-xogħol kien tassew għal qalbu. B'hekk tkisser tajjeb fis-sengħa ta' bajjad iżda meta qorbot it-Tieni Gwerra sejħulu għal xogħol manwali fl-armata Ingliża. Malli għadda l-għawġ, reġa' ssieħeb ma' Ninu tal-Gass, li issa kien avvanzat sewwa fl-età, u ntefa' għax-xogħol li kien iħobb: ikaħħal u jbajjad, jgħaddi s-soqfa bid-deffun u jibbattma l-bjar. Ma kienx xogħol ħafif għax bosta drabi kienu jridu jġorru t-twavel, slielem, serratizzi u għodda oħra fuq spallejhom sa fuq il-lant tax-xogħol. Iżda Pinu ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Jien qajla kont nafu imma għadni nġibu quddiem għajnejja l-ħin kollu bit-tbissima meta, darba minnhom, għall-bidu tal-Ħamsinijiet hu u Karmnu bin Ninu tal-Gass ġew isewwulna kamra t'għalqa lejn il-Ħandaq.



*Nikol, Speditu u Gori mas-sidien ta' San Lawrenz*

Ibnu Vincenti li għaddieli ħafna minn dan it-tagħrif spjegali kif, meta missieru kien għadu jrabbi, il-mezzi kienu għadhom, tista' tgħid, primittivi; ma kienx hemm flawt u spray u l-mezzi tal-lum. Il-kisi kien isir biss bil-kazzola. Pinu kien bniedem ta' ħila kbira; biex ipinġi l-bordura jew friż tas-saqaf ma' xifer it-travi, kien ixarrab il-lenza fit-tibjid ikkulurit u waqt li sieħbu jżomm it-tarf minn naħa hu jiġbed il-lenza mill-ġenb l-ieħor tal-ħajt. B'hekk jaqta' żewġ linji dritti imbagħad jiddisinja bejniethom kif jidhirlu hu. Il-pniezel tat-tibjid, sal-aħħar tas-snin ħamsin, kienu



*Filippu Zammit*

għadhom bil-lanżit tal-ġummar, ħaxixa bil-weraq twal u ibsin bħal tiben tal-qamħ li tikber fl-għadajjar. Biex jissodah u jaħdem aħjar kien jorbot il-pinzell minn nofs tulu. Pinu, fuq ix-xogħol tiegħu, kellu jaqta' bi snienu. Kemm-il darba, qabel jibda biċċa xogħol, kien jinżel Ħaż-Żebbuġ jixtri l-ġir, bit-tomna, mill-Kalkara u wara jtellgħu s-Siġġiewi b'tal-linja! Madankollu ibnu Centi (kif dejjem sejħulu tal-familja) qatt ma jiftakar li missieru gerger għal xi ħaġa u qatt ma jaf li marad. Sa ħmistax qabel miet fl-1972, dejjem stinka u ħaseb kif lil min iħaddmu jagħtih l-aqwa li jista'. Dejjem emmen li dak li ser jagħmel għandu jagħmlu minn qalbu u b'attenzjoni. Għalhekk qatt ma kellu inkwiet mix-xogħol. Centi tgħallem ħafna mill-ambjent familjari li trabba fih partikolarment mingħand missieru; meta laħaq għamel snin jgħinu fix-xogħol tiegħu. Imma Pinu għallmu l-isbaħ ħaġa: għallmu jgħix. Kien ifissirlu li fil-ħajja m'hemm xejn aqwa mill-irġulija għax il-flus imorru u jiġu imma ġieħek b'xejn ma tixtrih. Meta xi drabi kellu bżonn iħaddem nies miegħu, kien jittrattahom qishom uliedu.

Minbarra dawn kien hemm imbagħad bajjada oħrajn li wkoll għaddew għomorhom u żmienhom f'dan ix-xogħol iżda jien ftit li xejn ilħaqthom għajr forsi lis-*Sunny*. Ismu propja kien Ġannmarì Grech. Għalkemm ma kienx mis-Siġġiewi qatta' tista tgħid għomru kollu hawn fostna. Twieled u għex biss l-ewwel sbatax-il sena ta' ħajtu Birkirkara. Malli tlieħaq beda jgħin lil missieru fit-tibjid. Iżda meta faqqgħet il-gwerra fl-1940, ingaġġa mal-*Anti Aircraft Brigade* u ġie stazzjonat is-Siġġiewi fuq il-kanun ġo għalqa mat-triq taċ-ċimiterju ta' San Dawdar. Is-*Sunny* kien ġuvnott ħabrieki u ma jaqta' qalbu minn xejn. Darba minnhom, waqt attakk mill-ajru, saħansitra waqqa' ajruplan tal-għadu u ġibed fuqu s-simpatija tal-uffiċjali Ingliżi. Sadattant waqt il-ħin liberu tagħhom xi suldati ma' nżul ix-xemx kienu jinżlu f'tarf ir-raħal jqattgħu siegħa żmien fil-*Fawwara Bar* kantuniera ma' Triq San Ġakbu. Hemm Ġannmarì ltaqa' ma' Manwela, bint sid il-ħanut, innamra minnha, iżżewiġha u bħalma għedna għex il-bqija ta' ħajtu hawn. Wara l-gwerra, imbagħad, ir-riġment ġie żbandat. Min ried, mis-suldati tal-*Anti Aircraft*, seta' jingaġġa mat-*Territorials*.

Iżda Ġannmarì, għadu jiżżewweġ, għażel minflok is-sengħa ta' bajjad għall-ewwel m'Anġlu Muscat (ta' Manun) u meta mbagħad trawwem sew u ħa x-xeħta beda jfendi għal rasu. M'għarralux għax nistgħu ngħidu li l-karriera tiegħu kienet suċċess mill-bidu sal-aħħar. Għall-ewwel hu wkoll kien jagħmel xogħol marbut mar-rikostruzzjoni: tikħil, tibjid, soqfa, tqegħid ta' katusi, kumnikazzjoni tad-drenaġġ u kulma jqabbduh. Meta fis-Sittinijiet il-gvern ħareġ is-sistema ta' għajnuna għal min irid idaħħal il-kamra tal-banju, malajr xterdet il-kelma: "*Għid lis-Sunny, dak jaqdik u ma jiddispjaċikx!*" Mhux talli kien jinqala' imma kien iwaħħal it-*tiles* tal-ħitan u tal-art ukoll, tant li ħadem f'bosta djar mar-Raħal kollu. Ġannmarì dejjem għaraf jibdel skont ix-xejra tal-mument. Kemm-il darba ħadem ibbattmar ta' bjar mhux biss fir-raba' iżda wkoll fid-djar u l-klijenti dejjem ħarġu sodisfatti. Kien minn tal-ewwel li beda jagħmel xogħol bil-kirjolin (għamla ta' mradd tal-



*It-tieni mil-lemin: Gian Marì mat-tim tas-Siġġiewi*

metall li, meta ddawru, minnu jtir it-tikħil għal mal-ħajt biex il-wiċċ jibqa' aħrax), xogħol immartellat u tal-frakass. Bosta drabi, b'għodda speċjali għamla ta' *roller,* fl-intrajjet jew fuq il-bażi tal-kolonni kien ipinġi biż-żebgħa taż-żejt bħal gastri ffjuriti, disinni li kienu jintgħoġbu ħafna dak iż-żmien.

Miegħu kellu jgħinuh lil uliedu s-subien, l-aktar il-kbar fosthom Leli li minn għandu ġbart din l-informazzjoni. B'hekk mhux talli għajjex il-familja iżda talli lil uliedu darrihom ħawtiela bħalu, imiddu idejhom għal li jkun hemm bżonn u qabbadhom it-triq tas-suċċess.

Madankollu l-ħajja għas-*Sunny* ma kinitx biss xogħol. Fl-ewwel snin taż-żwieġ għamel żmien jilgħab il-futbol mat-tim tas-Siġġiewi u kien meqjus bħala wieħed mill-aħjar *players* tat-tim. Meta l-irġiel tal-Azzjoni Kattolika bnew is-sala quddiem l-oratorju, Ġannmarì wara l-ġurnata tax-xogħol tiegħu u fil-Ħdud u l-festi kien iqatta' bosta ħin ikaħħal, ibajjad u jiksi fis-sala; kollu xogħol volontarju li offra għalih minn rajh u qatt ma aċċetta ħlas. Għalhekk is-Siġġiwin dejjem ħabbewh u qisuh wieħed minnhom bħalma, wara kollox, kien iħossu hu wkoll.

## In-Nissieġa

Minkejja li qatt ma jidher li s-Siġġiwin kienu jrabbu merħliet kbar ta' nagħaġ, l-insiġ xorta waħda kien sengħa ta' ħtieġa kbira għar-raħal tagħna. Fis-Siġġiewi tista' tgħid ma kontx issib bidwi wieħed li ma kellux imqar żewġ nagħġiet. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu jrabbu bejn ħamsa u għaxra. B'hekk kien ikollhom il-ħalib u l-ġbejniet minn tagħhom u xi ġeżżiet tas-suf. In-nisa tal-bdiewa, wara li jaħslu u jnaddfu s-suf minn xi ntietef, kienu jgħażluh billi jisiltuh fi ħjut ftit ftit bejn subgħajhom u jobormuh fuq il-magħżel. Dax-xogħol kien isir l-aktar filgħaxijiet matul ix-xhur tax-xitwa. Kien hawn ukoll, fis-Siġġiewi, nisa oħrajn li jagħżlu bi ħlas is-suf għal ħaddieħor. Fost l-oħrajn niftakar lil Sapjenza Balzan, mara mdaħħla fiż-żmien li kienet tgħaddi jiem sħaħ, bilqiegħda maġenb il-bieb tad-dar tagħha fi Triq Santa Margerita tagħżel is-suf. Penza, kif kienu jsibuha n-nies, kienet tagħmel dan ix-xogħol kemm biex iddaħħal xi ħaġa żgħira kif ukoll biex tiġbor xi ħaġa għall-missjoni; kellha drawwa fl-istess waqt ittella' bil-prima oġġetti għad-dar.

Wara li jobormuh f'kobob, imbagħad, kienu jgħadduh lil xi ħadd tan-newl biex jinseġ il-ħajt tas-suf fi drapp jew lożor. Fl-imgħoddi n-nissieġa kienu mifruxin ma' Malta kollha, speċjalment fl-irħula. L-insiġ dak iż-żmien kien meqjus l-aktar bħala xogħol tan-nisa għalkemm xi drabi kont issib ukoll nissieġa rġiel. Fis-Siġġiewi kien hawn kemm-il waħda jagħmlu dan ix-xogħol. Meta kont għadni żgħir niftakar 'l oħt is-surmast Nazzareno Pisani tirrakkonta kif f'żgħożitha kienet tqatta' jiem sħaħ bilqiegħda fuq banketta quddiem in-newl tinseġ il-lożor u d-drapp tal-qoton għan-nies. In-nanna tiegħi, Konsolata Ellul, ukoll kienet tgħid illi fi tfulitha għadd ġmielu ta' xbejbiet kienu jmorru jinsġu fuq in-newl f'dar kbira fit-Triq tan-Nofs, kantuniera ma' sqaq numru tnejn. Milli jidher ġol-għorof ta' dik id-dar kien hemm bħal fabbrika tal-insiġ.



*Marianna Saliba*

L-aħħar nissieġa li xi Siġġiwin jiftakru, fir-raħal tagħna, kienet Marianna mart Pawlu Saliba. Marianna, imwielda Cutajar fl-1898, kienet imħarrġa tajjeb f'dan ix-xogħol. Kif irrakkontali binha Peter sa minn ċkunitha kienet tara u tgħin lil ommha u 'l ħutha jinsġu d-drapp tal-qoton u l-lożor tas-suf. Wara ż-żwieg, meta lejn tmiem il-gwerra wlieda bdew jitfarfru, reġgħet tħajret għax-

xogħol li kienet imdorrija tagħmel. U ġietha x-xoqqa f'moxtha! In-newl tal-familja Cutajar għadda għand Marianna. Żewġha Pawlu għalhekk armah fid-dar tagħhom fi Triq il-Ġdida u Marianna ntefgħet mill-ġdid għall-insiġ. Bħalma naqraw fil-kitba ta' Ġużi Gatt: "**L-Insiġ – Vokabularju**", dan mhux xi xogħol ħafif għax għall-insiġ hemm bżonn l-għajnuna ta' nies oħrajn. Minħabba f'hekk Marianna, biex ittella' fix-xogħol u taqdi aħjar lill-klijenti tagħha, il-medda (jew aħjar il-bażi tan-nisġa) kienet tixtriha lesta mingħand nissieġa oħrajn minn Ħaż-Żebbuġ imbagħad kemm tqabbadha mal-mitwa tan-newl u tibda tgħaddi l-ħjut tas-suf minn naħa għall-oħra. Sa nofs is-snin Sittin il-lożor tas-suf kienu għadhom popolari ħafna għax il-*heaters* kienu bilkemm għadhom dehru u l-*quilt* ħadd ma kien għadu sema' biha. Iżda Marianna, l-aktar għall-bidu, mhux lożor biss kienet tinseġ imma wkoll drapp tal-qoton għal xi sidrija jew xi terħa, għamla ta' faxxa wiesgħa madwar ħmistax-il ċentimetru u twila xi żewġ metri. L-irġiel, l-aktar il-bdiewa u l-bennejja, kienu jdawruha ma' qaddhom minflok ċinturin. B'hekk, waqt l-irfigħ tal-ġebel jew oġġetti tqal, jevitaw li jintlewew għax bħalma kienu jgħidu: "it-terħa tirfdek". Marianna baqgħet sal-aħħar taħdem il-lożor għax in-nissieġa, imbagħad, kienu skarsaw. Għalhekk xogħolha kien imfittex ukoll minn bosta nies minn irħula oħrajn. Sa xhur wara li Marianna ġiet nieqsa fl-1969 kienu għadhom jiġu nies minn barra r-raħal jistaqsu għaliha għax bħalma kienet tinseġ hi ma kontx issib. Il-lożor tagħha dejjem kienu ta' klassi għalihom, bi tberfila mal-wisgħa tagħhom li xħin tarahom taħsibhom ħarġu mill-fabbrika hekk li f'xi djar, għadek issib minnhom sal-lum.

## In-Nagħal

Niftakar fis-snin Ħamsin propju l-aħħar bini tas-Siġġiewi fi Triq Għar Lapsi kienet tinsab remissa fejn kien jaħdem **in-nagħal** raġel imdaħħal fiż-żmien liebes beritta tal-pizz, aktarx waħda minn dawk meħjutin minn Nikol Bonnici jew Ġużeppi tat-Tusu. Sa fejn naf jien ma kienx mis-Siġġiewi; kien jiġi b'tal-linja kuljum. Xogħol in-nagħal hu li, l-ewwel nett, ifassal **in-nagħala** għad-daqs ta' sieq iż-żiemel, bagħal jew ħmar li jkun ser inieghel. Għalhekk kif jiftaħ l-ewwel ħaġa filgħodu n-nagħal kien iqabbad il-forġa biex bid-daqqiet tal-mazza jsawwar biċċa ħadida għat-tond wara li tkun saret ġamra nar fil-forġa; imbagħad itaqqbilha l-post għall-imsiemer u jorqomha kif meħtieġ. Sakemm il-ħadida tiksaħ, iqassar u jillixxa dwiefer l-bhejjem. Wara arah jitlaq minn idejh u jsammar in-nagħla mad-difer tal-bhima.

Jien kont ngħoxa nħares lejh kull darba li ngħaddi min-naħa tal-Imwieġel, kif għadhom sal-lum jissejħu dawk l-inħawi. In-Nagħal kif jasal kien isib daqs tliet jew erba' bdiewa jistennew qrib ir-remissa, bir-riedni tal-kappestru f'idejhom biex inieghlu l-bhima tagħhom. M'hemmx għalfejn ngħidu, kienu jieħdu l-bhima għerja jigifieri mingħajr il-karettun. Għas-Siġġiwin is-sengħa tiegħu kienet importanti ħafna għax mingħajr in-nagħal il-bhejjem tax-xedd waqt il-mixi jistgħu bħalma ngħidu bil-Malti, jitfixklu f'saqajhom. Iżda jiena ftit ilħaqtu lin-nagħal. Wara ftit beda jiftaħ darba kultant, imbagħad ftit ftit qata' għalkollox u ma rajt qatt iżjed 'il min inieghel il-bhejjem la fis-Siġġiewi u anqas bnadi oħra.

## Tal-Qfief

Iżda lil Karmnu **Tal-Qfief** ilħaqtu sew. Hu wkoll kien jaħdem ġo remissa, żgħira imma kennija, fil-qalba tar-Raħal fi Triq San Ġakbu tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-kappella ta' San Ġwann. Kien jgħaddi ġranet sħaħ bilqiegħda fuq banketta b'fardal tal-ġild imdawwar ma' qaddu jislet il-vireg tas-safsafa jew jaqsam għat-tul il-qasab biex joħrog minnhom strixxi

ftit jew wisq irqaq u mbagħad jaħdimhom fi qfief. Is-safsafa (jew żafżafa kif jgħidulha tal-irħula) illum hija sigra rari, aktarx tinsab biss il-Furjana fil-ġonna tal-MEPA. Fl-imgħoddi kienet tikber f'xi widien bħal Wied il-Fiddien iżda qatt ma jidher li kienet komuni f'Malta. Mill-frieghi tagħha jinħadmu l-vireg li jifformaw il-qafas għall-qfief. Il-vireg jistgħu jkunu ta' lwien differenti: suwed, ħodor, ħomor jew bojod skont kif jinħadmu wara li jinqatgħu u jinġabru. Is-suwed u l-ħodor huma aktar b'saħħithom għax wara li jinġabru jitħallew bil-qoxra tagħhom iżda l-ħomor jitqiegħdu fl-ilma għal ftit xhur u mbagħad jitnixxfu bil-qoxra b'kollox. Il-bojod fix-xhur tax-xitwa jitħallew fl-ilma biex jibqgħu ħajjin u itellgħu ir-rimi. F'Mejju mbagħad jinġabru u titneħħielhom il-qoxra; b'hekk ikunu iktar rotob u jkunu eħfef biex tilwihom u taħdimhom kif trid. Għalhekk bosta mill-materjal kien jiġi minn artijiet barranin għajr għall-qasab li fin-naħiet tas-Siġġiewi kien jinqata' mill-widien tal-Ħesri, tal-Buskett u tal-Girgenti.

Karmnu Micallef, Tal-qfief, wara li jobrom għadd ta' vireg sodi f'qagħda wieqfa biex isawwar il-qafas (jew il-bażi) li fuqu jrid jibni x-xogħol meħtieġ, kien jinseġ madwarhom strixxi rqaq tal-qasab billi jgħaddihom, mimdudin, daqqa minn ġewwa u daqqa minn barra. Dawra wara dawra, l-istrixxi msallbin jifformaw il-**qoffa**. L-imgħallem kien jaħdem ħafna xogħol kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-mara tad-dar. Il-bidwi kien juża l-**qartalla** biex iqassam minnha fil-maxtura l-għalf lill-bhejjem. Meta jkun qed jaħrat, xħin għal nofsinhar iwaqqaf lill-bhima tistrieħ, kien inewlilha l-għalf ġol-qoffa. Il-qoffa, il-qartalla u bosta xogħol ieħor tal-qasab ikollhom, max-xifer ta' fuq, żewġ widnejn, waħda fuq kull ġenb ifformati minn vireg inqas ibsin. Barra minn hekk tal-qfief kien jaħdem ukoll il-mezez (qfief tawwalin, wiesgħin xi ħmistax-il pulzier u għoljin madwar żewġ piedi jew 40x60 ċm) biex fihom il-bidwi jiġbor u jġorr fuq il-karettun it-tadam għal għand il-pitkal; il-frott irqiq bħal frawli, tut u ċawsli kien jinġabar ġol-**ġonta**, qoffina għamla ta' **mezza** ċkejkna b'għoli ta' 30cm u 10 wisgħa. Għall-mara tad-dar kien jintriċċja **kannestri** u bxiekel ta' daqsijiet differenti. Il-**bixkilla** kienet bħal qoffina tar-rattan li fiha n-nisa kienu jqiegħedu x-xirja jew ikel u fliexken li jieħdu magħhom meta jmorru jaħdmu fl-għelieqi. Imbagħad kien hemm ukoll il-**qafas tal-ġbejniet**, għamla ta' gaġġa tal-qasab wiesgħa xi żewg piedi b'pied u nofs għoli maqsuma f'żewġ indani li fuqhom jitqiegħedu l-ġbejniet biex jinxfu. Is-soltu kienu jdendluh mal-manxra f'nofs il-bejt, għoli ta' vista ta' bniedem biex ma jintlaħaqx mill-qtates. L-Għawdxin kienu jsejħulu l-qanniċ. Fl-irħula kont issibu tista' tgħid f'kull dar għax il-ħobż biż-żejt u t-tadam jew bil-ġbejniet melħin kien l-ikel ewlieni tal-kotra.

Imma fil-bidu tas-Sittinijiet bdew jaslu Malta mill-Italja kannestri tal-injam mimlijin frott bħal tuffieħ, lanġas u larinġ. Il-bdiewa malajr sabu kif jużawhom biex iġorru fihom l-uċuħ tar-raba'; fuq kollox il-kannestri tal-injam ma kinux iqumu flus u ħfief biex iġġorrhom. F'qasir żmien għosfru l-karettuni mit-toroq tagħna. Il-bdiewa sabu li fil-vannijiet il-kaxex tista' tistivahom aħjar. Imbagħad aktar tard flok il-kannestri tal-injam daħlu l-kaxxi tal-plastik. B'hekk f'affari ta' ftit snin ix-xogħol tal-qfief inqata' għalkollox.

Illum għal min ma għex dawk iż-żminijiet diffiċli jifhem x'kienu jfissru dawn is-snajja' għan-nies ta' dari. Nisthajjilhom, in-nies ta' dawk is-snajja', bħall-għoqod li jorbtu flimkien il-malji tax-xibka. Mingħajrhom ix-xibka ma żżommx. Posthom ħaduh snajja', drawwiet u mezzi oħrajn li ġabu magħhom stil ta' ħajja u soċjetajiet ġodda.

Ħajr lil: Peter Saliba, Charles u Carlos Borg, Vinċenti Zammit, Manwel Grech, Manwel Bonello, Mons D. Dione Cutajar għall-informazzjoni u r-ritratti li ġentilment għoġobhom jgħadduli kif ukoll tal-paċenzja li ħadu bija. Niskuża ruħi jekk inavvertitament ħallejt lil xi ħadd barra